2026/786

31.3.2026

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2026/786

tat-30 ta' Marzu 2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2026/249 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026, l-2027 u l-2028 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/249 ([1]) jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026, l-2027 u l-2028 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd, inklużi ċerti miżuri marbuta b'mod funzjonali magħhom, jenħtieġ li jiġu emendati biex titqies il-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku, kif ukoll l-eżiti tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u l-laqgħat tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs, regional fisheries management organisations).

(2) Fl-2025, l-Unjoni u r-Renju Unit wettqu konsultazzjonijiet bilaterali dwar l-istabbiliment ta' għadd kbir ta' qabdiet totali permissibbli (TACs, total allowable catches) għall-2026, inklużi ċerti miżuri funzjonalment marbuta ma' dawk it-TACs, għall-istokkijiet elenkati fl-Anness 35 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([2]) (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"). Dawk il-konsultazzjonijiet twettqu f'konformità mal-Artikolu 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat fir-rekord bil-miktub iffirmat mill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet fl-10 ta' Diċembru 2025. Kif dokumentat f'dak ir-rekord bil-miktub, il-Kapijiet ta' Delegazzjoni qablu li jirrakkomandaw lill-awtoritajiet rispettivi tagħhom li l-miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*), għall-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) u għall-merlangu (*Merlangius merlangus*) fil-Baħar Ċeltiku u l-Baħar Irlandiż u għal-lingwata (*Solea solea*) u għall-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) fil-Kanal Ingliż jenħtieġ li jibdew japplikaw, fil-prinċipju, mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2026, kemm fl-Unjoni kif ukoll fir-Renju Unit biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti peress li l-istokkijiet inkwistjoni huma ġestiti b'mod konġunt. Il-bidu tal-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri ta' rimedju ser ikun soġġett għall-fatt li l-Unjoni u r-Renju Unit ikunu nnotifikaw it-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għall-adozzjoni ta' dawk il-miżuri ta' rimedju. Ir-Renju Unit informa lis-servizzi tal-Kummissjoni li huwa jistenna li jlesti l-proċeduri interni tiegħu għall-inkorporazzjoni fil-liġi tar-Renju Unit tal-miżuri ta' rimedju maqbula għall-bakkaljaw u l-merlangu fil-Baħar Irlandiż u għal-lingwata u l-barbun tat-tbajja' fil-Kanal Ingliż sal-1 ta' Settembru 2026 . Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-Unjoni vis-à-vis l-operaturi tar-Renju Unit, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri tiġi differita sal-1 ta' Settembru 2026, sakemm jitlestew il-proċeduri interni rilevanti mir-Renju Unit.

(3) Bejn is-6 ta' Marzu u l-11 ta' Marzu 2026, l-Unjoni u r-Renju Unit wettqu konsultazzjonijiet bilaterali dwar il-livell tat-TAC għaċ-ċiċċirell (*Ammodytes* spp.) u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES, International Council for the Exploration of the Sea), l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES, u l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES. L-Unjoni pparteċipat f'dawk il-konsultazzjonijiet abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fit-3 ta' Marzu 2026. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat fir-rekord bil-miktub iffirmat fit-13 ta' Marzu 2026. Għalhekk, jenħtieġ li dik it-TAC rilevanti tiġi stabbilita fil-livell miftiehem mar-Renju Unit.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/249 tas-26 ta' Jannar 2026 li jistabbilixxi għall-2026, l-2027 u l-2028 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2025/202 (ĠU L, 2026/249, 30.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/249/oj).

([2]) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj).

(4) Ir-Regolament (UE) 2026/249 stabbilixxa kwoti proviżorji tal-Unjoni għall-kavall (*Scomber scombrus*) fil-Grigal tal-Atlantiku għall-ewwel nofs tal-2026 fin-nuqqas ta' deċiżjoni dwar it-TAC għal dak l-istokk f'konsultazzjonijiet mal-Istati kostali u mill-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC). Ir-Renju Unit, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Gżejjer Faeroe qablu dwar TAC għall-kavall għall-2026 f'livell li huwa differenti mil-livell irrakkomandat mill-ICES. Għadu ma ntlaħaq l-ebda ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Gżejjer Faeroe dwar TAC għall-kavall għall-2026. Minħabba l-istaġjonalità ta' dak is-sajd, u l-ħtieġa li jiġu promossi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi tal-Unjoni ma' operaturi ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-kwoti tal-Unjoni għal dak l-istokk jiġu stabbiliti għall-2026 kollha, u f'konformità mal-approċċ applikat mill-2021 fir-rigward tas-sehem konġunt tal-Unjoni u tar-Renju Unit f'dik it-TAC. Dak l-approċċ huwa bbażat fuq sehem konġunt UE-Renju Unit ta' 49,29 % tat-TAC għall-kavall, wara l-applikazzjoni tat-trasferimenti tal-kwoti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tat-Tabella B tal-Anness 36 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(5) Bejn Novembru 2025 u Frar 2026, l-Unjoni u n-Norveġja wettqu konsultazzjonijiet bilaterali dwar l-aċċess għall-ilmijiet rispettivi tagħhom għas-sajd tal-aringa (*Clupea harengus*) u tal-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) fl-Atlantiku tal-Grigal. L-Unjoni pparteċipat f'dawk il-konsultazzjonijiet abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2025. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'rekord maqbul iffirmat fis-27 ta' Frar 2026. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-livelli ta' aċċess jiġu stabbiliti fil-livelli miftiehma man-Norveġja.

(6) Wara l-istabbiliment ta' TAC ta' referenza għall-bakkaljaw fl-Artiku tal-Grigal għall-2026, jenħtieġ li l-kwota definittiva tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u d-diviżjoni 2b tal-ICES għall-2026 tiġi stabbilita abbażi ta' dik it-TAC ta' referenza għall-2026 u tas-sehem storiku tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-Artiku tal-Grigal. Jenħtieġ li dik il-kwota tal-Unjoni tiġi allokata lill-Istati Membri f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE ([3]), soġġetta għall-adattamenti meħtieġa minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif stipulat, fit-Tabella E tal-Anness 36, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(7) Il-limiti tal-isforz tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn (*Thunnus thynnus*) f'parti miż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT, International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas) fil-Lvant ta' 45°W, u l-input u l-kapaċità massimi tal-farms tat-tonn tal-Unjoni f'dik iż-żona, huma bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta fil-pjanijiet annwali msemmija fl-Artikoli 11, 13 u 15 tar-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). L-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu dawk il-pjanijiet lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2023/2053. Dawk il-pjanijiet imbagħad għandhom jiġu kkompilati mill-Kummissjoni u għandhom jiffurmaw il-bażi għall-istabbiliment ta' pjan annwali tal-Unjoni, li għandu jintbagħat lis-Segretarjat tal-ICCAT għad-diskussjoni u l-approvazzjoni mill-ICCAT, kif stabbilit bl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2023/2053. Fil-5 ta' Marzu 2026, l-ICCAT approvat il-pjan annwali tal-Unjoni għall-2026. Għalhekk, jenħtieġ li l-limiti tal-isforz tas-sajd tal-Unjoni u l-input u l-kapaċità massimi tat-trobbija tal-ħut tal-Unjoni għall-2026 jiġu emendati f'konformità ma' dak il-pjan annwali.

(8) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/2053, l-Istati Membri jistgħu jitolbu t-trasferiment ta' massimu ta' 5 % tal-kwota annwali tagħhom tat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, fil-Lvant ta' 45°W, mis-sena preċedenti għal sena partikolari. Ċerti Stati Membri, fil-pjanijiet annwali tas-sajd tagħhom sottomessi lill-Kummissjoni, inkludew talbiet biex jittrasferixxu l-kwota annwali tagħhom tat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, fil-Lvant ta' 45° W, mill-2025 għall-2026. Abbażi ta' dawk it-talbiet, il-Kummissjoni inkludiet talba għal trasferimenti tal-kwota tal-Unjoni għal dak l-istokk mill-2025 għall-2026 fil-pjan annwali tal-Unjoni għall-2026. Għalhekk, wara l-approvazzjoni tal-pjan annwali tal-Unjoni, jenħtieġ li l-kwoti ta' dawk l-Istati Membri għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, fil-Lvant ta' 45°W għall-2026, jiġu emendati kif xieraq.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE tat-18 ta' Mejju 1987 dwar l-allokazzjoni ta' possibbiltajiet għall-qabda tal-merluzz fir-reġjun ta' Spitsbergen u Bear Island u fid-Diviżjoni 3M kif inhi definita fil-Konvenzjoni tan-NAFO (ĠU L 135, 23.5.1987, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1987/277/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2053/oj).

(9) F'konformità mal-Artikoli 8a, 17b u 18b tar-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), il-kwoti annwali għal ċerti Stati Membri għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, għall-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, kemm fit-Tramuntana ta' 5°N kif ukoll fin-Nofsinhar ta' 5°N, u għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, kemm fit-Tramuntana ta' 5°N kif ukoll fin-Nofsinhar ta' 5°N, ġew trasferiti mill-2024 għall-2026 f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-ICCAT. Għalhekk, jenħtieġ li l-kwoti ta' dawk l-Istati Membri għal dawk l-istokkijiet għall-2026 jiġu emendati kif xieraq.

(10) Fl-14-il laqgħa annwali tagħha fl-2026, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) adottat limiti ta' qbid għas-sawrell taċ-Ċilì (*Trachurus murphyi*) għall-2026 u żammet is-sajd esploratorju għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.). Barra minn hekk, l-SPRFMO żammet il-miżuri marbuta b'mod funzjonali fir-rigward tas-sajd esploratorju għall-pixxisinna. Għalhekk jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(11) Sakemm joħroġ l-eżitu tal-10 sessjoni tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC, North Pacific Fisheries Commission), jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għal-kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027 jiġu mmarkati bħala "għad iridu jiġu stabbiliti", sabiex is-sajd għal-kavall għajnejh kbar ikun jista' jibda mill-1 ta' Ġunju 2026 għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità mal-Artikoli minn 20, 21 u 22 tar-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(12) Jenħtieġ li ż-żewġ gruppi ta' perjodi ta' għeluq għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC, Inter-American Tropical Tuna Commission) stabbiliti bir-Regolament (UE) 2026/249, li matulhom tali bastimenti huma pprojbiti milli jistadu għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), għat-tonn obeż jew għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*), jiġi emendati f'konformità mal-miżuri adottati mill-IATTC. L-ewwel grupp ta' perjodi ta' għeluq jenħtieġ li jiġi emendat biex japplika fiż-żona kollha tal-Konvenzjoni tal-IATTC, filwaqt li t-tieni grupp ta' perjodi ta' għeluq jenħtieġ li jkompli japplika f'żona speċifika biss. Barra minn hekk, l-estensjonijiet tal-perjodi ta' għeluq għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni, abbażi tal-qabdiet tagħhom tat-tonn obeż fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC matul is-sena preċedenti, jenħtieġ li japplikaw biss għall-ewwel grupp ta' perjodi ta' għeluq u għalhekk ma jibqgħux japplikaw għat-tieni grupp ta' perjodi ta' għeluq.

(13) Fl-20 ta' Jannar 2021, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2021/56 ([7]) li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni ċerti miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC. L-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi miżuri għall-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*). L-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2026/249 jikkoinċidi mar-Regolament (UE) 2021/56 dwar dak is-suġġett u jimponi rekwiżiti li diġà huma indirizzati mid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk jixraq li jitneħħa l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2026/249.

(14) Ir-Regolament (UE) 2026/249 stabbilixxa TAC għal-lingwata fid-diviżjonijiet 8c, 8d u 8e u fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES, u fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF, Fishery Committee for the Eastern Central Atlantic) 34.1.1 għall-2026 u għall-2027. Skont l-ICES, hemm tliet speċijiet ewlenin ta' lingwata maqbuda f'dik iż-żona: il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-lingwata tas-Senegal (*Solea senegalensis*) u l-lingwata tar-ramel (*Pegusa lascaris*). L-isem xjentifiku msemmi fit-TAC huwa "*Solea* spp.", li ma jkoprix il-lingwata tar-ramel. Madankollu, il-lingwata tar-ramel qabel kienet titqies li tappartjeni għall-ġeneru *Solea*. Sabiex tingħata ċertezza legali, jenħtieġ li l-isem xjentifiku msemmi fit-TAC jiġi sostitwit b'"*Solea* spp. u *Pegusa lascaris*" biex ikopri wkoll il-lingwata tar-ramel.

(15) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2026/249 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2107/oj).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2403/oj).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2021/56 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 24, 26.1.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/56/oj).

(16) Sabiex jinżammu l-perjodi ta' rapportar għat-TACs emendati b'dan ir-Regolament, u peress li dawk it-TACs japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026, jenħtieġ li t-TACs emendati japplikaw b'mod retroattiv minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi t-TACs ikkonċernati nżammu jew żdiedu.

(17) Minħabba l-urġenza li jiġu evitati interruzzjonijiet fl-attivitajiet tas-sajd, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,*

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (UE) 2026/249

Ir-Regolament (UE) 2026/249 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 11(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-qabdiet fis-sajd kummerċjali taħt l-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rrapportati minn Spanja u minn Franza (BSS/8AB.).".

(2) L-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jew minn 00.00 tas-6 ta' Awwissu 2026 sa 24:00 tat-8 ta' Ottubru 2026 jew minn 00:00 tad-9 ta' Novembru 2026 sa 24:00 tal-11 ta' Jannar 2027 fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC; u";

(b) fil-paragrafu 6, is-sentenza introduttorja tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"6. Il-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 1, il punt (a), għandhom jiġu estiżi għal bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni, abbażi tal-qabdiet tagħhom ta' tonn obeż fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC matul is-sena ta' qabel, kif ġej:";

(c) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-estensjonijiet tal-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 6 għandu japplikaw kif ġej:

(a) għall-perjodu ta' għeluq li jibda f'00:00 fis-6 ta' Awwissu 2026, il-jiem addizzjonali jiżdiedu qabel il-bidu ta' dak il-perjodu ta' għeluq; u

(b) għall-perjodu ta' għeluq li jibda f'00:00 fid-9 ta' Novembru 2026, il-jiem addizzjonali jiżdiedu wara t-tmiem ta' dak il-perjodu ta' għeluq.".

(3) L-Artikolu 40 jitħassar.

(4) L-Artikolu 62 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-Artikoli 19(1), (2), (4), (5) u (6) għandhom japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026;";

(b) fil-paragrafu 2, jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(da) l-Artikolu 19(3) għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026;

(db) l-Artikolu 20 għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026;";

(c) fil-paragrafu 2, il-punt (k) jitħassar; u

(d) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 9 sa 14, 16 sa 23, 29, 41, 46, 47, 49, 51, 52 u 59 għandhom ikomplu japplikaw mill-jum ta' wara d-dati li fihom jagħlqu l-applikazzjonijiet imniżżla f'dak il-paragrafu sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2027.".

(5) Il-Partijiet A u B tal-Annessi IA, u l-Annessi IB, ID, IH, IM u VI huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. PANAYIOTOU

ANNESS

Emendi għall-Annessi tar-Regolament (UE) 2026/249

(1) L-Anness IA huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, it-Tabella 23 hija sostitwita bit-tabella li ġejja:

"**Tabella 23**

Speċi:	Lingwata *Solea* spp. u *Pegusa lascaris*	Zone:	8c, 8d, 8e, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (SOO/8CDE34)
Sena	**2026 u 2027 (għal kull sena)**		
Spanja	185	TAC prekawzjonarja	
Il-Portugall	307		
L-Unjoni	492 (1)		
TAC	492 (1)		

(1) Fil-limiti ta' dawn il-kwoti, ma għandhiex tinqabad kwantità akbar tal-lingwata komuni (*Solea solea*) (SOL/8CDE34) minn dik li ġejja: 190"

(b) fil-Parti B, it-Tabella 1 hija sostitwita bit-tabella li ġejja:

"**Tabella 1**

Speċi:	Iċ-ċiċċirell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati miegħu *Dissostichus* spp.	Żona:	l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a SAN/2A3A4. (1)
Id-Danimarka	93 759 (1) (2)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	143 (1) (2)	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fin-nota 3 f'qiegħ il-paġna.	
L-Iżvezja	3 443 (1) (2)		
L-Unjoni	97 345 (1) (2)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fin-nota 3 f'qiegħ il-paġna.	
Ir-Renju Unit	3 218		
TAC	100 563		

(1) Il-qabdiet fiż-żoni differenti ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell stipulati hawn taħt għandhom jiġu rrapportati separatament.

Speċi:	Iċ-ċiċċirell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati miegħu *Dissostichus* spp.	Żona:	l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a SAN/2A3A4. ([1])

([2]) Sa 2 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet aċċessorji tal-merlangu (OT1/*2A3A4X). Il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu li jinqatgħu mill-kwota skont id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.

Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' dawn il-kwoti, ma jistgħux jinqabdu kwantitajiet akbar minn dawk mogħtija hawn taħt fiż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell li ġejjin, kif definit fl-Anness III:
Żona: l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell

	1r	2r	3r	4	5r	6	7r
	(SAN/234_1R) ([3])	(SAN/234_2R) ([3])	(SAN/234_3R)	(SAN/234_4)	(SAN/234_5R)	(SAN/234_6) ([3])	(SAN/234_7R)
Id-Danimarka	88 993	4 662	0	0	0	104	0
Il-Ġermanja	136	7	0	0	0	0	0
L-Iżvezja	3 268	171	0	0	0	4	0
L-Unjoni	92 397	4 840	0	0	0	108	0
Ir-Renju Unit	3 054	160	0	0	0	4	0
Total	95 451	5 000	0	0	0	112	0

([3]) Għandu japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.
Għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96."

(c) fil-Parti B, it-Tabelli 10 u 11 huma sostitwiti bit-tabelli rispettivi li ġejjin:

"**Tabella 10**

Speċi:	Aringa ([1]) *Clupea harengus*	Zone:	3a (HER/03A.)
Id-Danimarka	7 344 ([1]) ([2]) ([3])	TAC analitika	
Il-Ġermanja	117 ([1]) ([2]) ([3])		
L-Iżvezja	7 682 ([1]) ([2]) ([3])		
L-Unjoni	15 143 ([1]) ([2]) ([3])		
In-Norveġja	Mhux rilevanti		
TAC	328 566		

([1]) Il-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar.
([2]) L-ammonti li ġejjin biss tal-istokkijiet tal-aringa HER/03A. (HER/*03A.) u HER/03A-BC (HER/*03A-BC) jistgħu jinqabdu fiż-żona 3a:

Id-Danimarka	554
Il-Ġermanja	8
L-Iżvezja	407
L-Unjoni	969

([3]) Kundizzjoni speċjali: sa 50 % ta' dan l-ammont jista' jinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 4 (HER/*4-UK), u 50 % jista' jinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 4b (HER/*4B-EU).

Tabella 11

Speċi:	Aringa ([1])	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni, tar-Renju Unit u dawk Norveġiżi taż-żona 4 fit-Tramuntana ta' 53°30'N
	Clupea harengus		(HER/4AB.)
Id-Danimarka	38 730	TAC analitika	
Il-Ġermanja	25 421	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Franza	15 874		
In-Netherlands	37 108		
L-Iżvezja	2 731		
L-Unjoni	119 864		
In-Norveġja	91 013 ([2]) ([3])		
Ir-Renju Unit	59 156		
TAC	328 566		

([1]) Il-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar.

([2]) Il-qabdiet li jinqabdu fil-kuntest ta' din il-kwota jridu jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja. Fil-limitu ta' din il-kwota, ma tistax tinqabad kwantità akbar minn dik li ġejja fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 4b (HER/*04B-C):

2 700

([3]) Kundizzjoni speċjali: fil-limitu ta' din il-kwota, ma jistgħux jinqabdu iżjed mimm 250 tunnellata fl-ilmijiet Norveġiżi u tal-Unjoni ta' 3a (HER/*03A).

Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' dawn il-kwoti, ma tistax tinqabad kwantità akbar minn dik mogħtija hawn taħt fiż-żona li ġejja: l-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N (HER/*4N-S62)

L-Unjoni	2 700"

(d) fil-Parti B, fit-Tabella 40, it-test tan-nota 2 f'qiegħ-il paġna huwa sostitwit b'dan li ġej:

"([2]) Kundizzjoni speċjali: sa 10 % ta' din il-kwota tista' tiġi ttrasferita lid-Diviżjoni 3a tal-ICES (Skagerrak u Kattegat).";

(e) fil-Parti B, it-Tabelli 58 u 59 huma sostitwiti bit-tabelli rispettivi li ġejjin:

"**Tabella 58**

Speċi:	Stokkafixx *Micromesistius poutassou*	Żona:	l-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 (WHB/1X14)
Id-Danimarka	38 983 ([1])	TAC analitika	
Il-Ġermanja	15 157 ([1])	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Spanja	33 049 ([1]) ([2])		
Franza	27 129 ([1])		
L-Irlanda	30 188 ([1])		
In-Netherlands	47 537 ([1])		
Il-Portugall	3 070 ([1]) ([2])		
L-Iżvezja	9 643 ([1])		
L-Unjoni	204 756 ([1]) ([3])		
In-Norveġja	47 905 ([4]) ([5])		
Il-Gżejjer Faeroe	Mhux rilevanti		
Ir-Renju Unit	Mhux rilevanti		
TAC	851 344		

([1]) Kundizzjoni speċjali: fil-limitu tal-kwantità totali tal-aċċess ta' tunnellati li għandha tiġi stabbilita għall-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jaqbdu mhux iżjed mill-perċentwal li ġej tal-kwoti tagħhom fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (WHB/*05-F.): 0 %

([2]) Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota lejn iż-żoni 8c, 9 u 10 u lejn l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa minn qabel dwar tali trasferimenti.

([3]) Kundizzjoni speċjali: mill-kwoti tal-Unjoni fl-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 (WHB/*NZJM1) u fiż-żoni 8c, 9 u 10 u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (WHB/*NZJM2), il-kwantità li ġejja tista' tinqabad fiż-Żona Ekonomika tan-Norveġja jew fiż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen:

0

([4]) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 4, 6a fit-Tramuntana ta' 56°30'N, 6b u 7 fil-Punent ta' 12°W (WHB/*46AB7-EU).

([5]) Kundizzjoni speċjali: mill-kwota Norveġiża, il-kwantità li ġejja tista' tinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 4, 6a fit-Tramuntana ta' 56°30'N, 6b u 7 fil-Punent ta' 12°W:

50 000

Tabella 59

Speċi:	Stokkafixx *Micromesistius poutassou*	Żona:	8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (WHB/8C3411)
Spanja	26 242	TAC analitika	
Il-Portugall	6 561	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Unjoni	32 803 (1)		
TAC	851 344		

(1) Kundizzjoni speċjali: mill-kwoti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 (WHB/*NZJM1) u fiż-żoni 8c, 9 u 10; fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (WHB/*NZJM2), il-kwantità li ġejja tista' tinqabad fiż-Żona Ekonomika tan-Norveġja jew fiż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen:

0"

(f) fil-Parti B, fit-Tabella 98, it-test tan-nota 2 f'qiegħ il-paġna huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Kundizzjoni speċjali: sa 5 % minnha tista' tinqabad fiż-żona 7d (SRX/*07D.), mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet stipulati fid-dritt tal-Unjoni u l-liġi tar-Renju Unit għaż-żoni speċifikati fihom. Il-qabdiet tar-raja kukù (*Leucoraja naevus*) (RJN/*07D.), tar-raja tal-fosos (*Raja clavata*) (RJC/*07D.), tar-raja batra (*Raja brachyura*) (RJH/*07D.), tar-raja tal-għajn (*Raja montagui*) (RJM/*07D.) għandhom jiġu rrapportati separatament. Din il-kundizzjoni speċjali ma għandhiex tapplika għar-raja rotonda (*Leucoraja circularis*), għar-raja petruża (*Leucoraja fullonica*), għar-raja għewejna (*Raja microocellata*) u għar-raja ondjata (*Raja undulata*).";

(g) fil-Parti B, it-Tabelli 103, 104 u 105 huma sostitwiti bit-tabelli rispettivi li ġejjin:

"**Tabella 103**

Speċi:	Kavall *Scomber scombrus*	Żona:	3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3b, 3c; 3d u 4; l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a (MAC/2A34-N.)
Il-Belġju	218 (1) (2)	TAC analitika	
Id-Danimarka	11 941 (1) (2) (4)		
Il-Ġermanja	227 (1) (2)		
Franza	685 (1) (2)		
In-Netherlands	690 (1) (2)		
L-Iżvezja	2 185 (1) (2) (3)		
L-Unjoni	15 946 (1) (2)		

Speċi:	Kavall *Scomber scombrus*	Żona:	3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3b, 3c; 3d u 4; l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a (MAC/2A34-N.)

TAC 299 010

(1) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' dawn il-kwoti, ma jistgħux jinqabdu kwantitajiet akbar minn dawk mogħtija hawn taħt fiż-żoni li ġejjin:

	3a (MAC/*03A.)	l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 3a, 4b u 4c (MAC/*3A4BC)	4b (MAC/*04B.)	4c (MAC/*04C.)	l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żoni 2a, 5b, 6, 7, 8d, 8e, 12 u 14 (MAC/*2AX14)
Il-Belġju	0	0	0	0	131
Id-Danimarka	0	4 130	0	0	7 165
Il-Ġermanja	0	0	0	0	136
Franza	0	490	0	0	411
In-Netherlands	0	490	0	0	414
L-Iżvezja	0	0	390	10	1 311
L-Unjoni	0	5 110	390	10	9 568

(2) Fil-limiti ta' dawn il-kwoti, u bi qbil mal-Istat kostali rilevanti, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żewġ żoni li ġejjin:

	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a (MAC/*02A4AN-)	l-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (MAC/*FRO1)
Il-Belġju	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Id-Danimarka	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Il-Ġermanja	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Franza	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
In-Netherlands	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
L-Iżvezja	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
L-Unjoni	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita

(3) Kundizzjoni speċjali: il-kwantità li ġejja tista' tinqabad fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a (MAC/*2A4AN):

242

Meta jkun qed isir sajd taħt din il-kundizzjoni speċjali, il-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju iswed għandhom jinqatgħu mill-kwoti għal dawk l-ispeċijiet.

